MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 691/2003

**John Pullicino u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2004 giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz fis-sens ili fl-okkju fejn hemm indikat isem l-attur wara l-kelma 'Pullicino' ghandhom jizdiedu l-kliem 'Golden Harvest MFG Company Limited'**

**vs**

**Lapsi Holdings Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' April 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u erbgha u disghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm594.58) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 7 ta' Marzu 2003 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-

1. Illi t-talbiet tal-alttur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li s-socjeta' eccipjenti ma tafx bl-ezistenza ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet;
2. Illi fil-fatt i-rapprezentanti tas-socjeta' eccipjenti ma jafux lill-attur u ma jafux bl-ebda debitu fil-konfronti tieghu;
3. Illi ghalhekk isegwi li s-socjeta' konvenuta m'hijiex debitrici tal-attur;
4. B'riserva ghal eccezzjonijiet ohra kemm il-darba l-attur jissostanzja l-pretensjonijiet tieghu.

Ra r-Risposta ulterjuri prezentata mis-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-

1. Illi s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur personalment;
2. Illi kull debitu li jaghmel referenza ghalih l-attur seta' kien dovut lil terzi u gie maghhom saldat;
3. Illi minghjar pregudizzju ghas-suespost, it-talba tal-attur hija preskritta.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' konvenuta fejn hija indikat li qed teccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Lilian Grima u ta' Jacqueline Aquilina. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tl-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra d-digiret tad-29 ta' Jannar 2004 fejn giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba fis-sens illi fl-okkju fejn hemm indikat isem l-attur wara l-kelma 'Pullicino' ghandhom jizdiedu l-kliem 'Golden Harvest MFG Company Limited'.

Ra l-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati mis-socjeta' konvenuta fid-dawl tal-korezzjoni li saret fl-okkju fejn hija eccepiet is-segwenti-

1. Fl-ewwel lok in-nullita' tat-talba ntavolata li ma fihiex tifsira cara tar-relazzjoni guridika u tal-pretensjonijiet taz-zewg atturi;

2. Fit-tieni lok teccepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili;

3. Fit-tielet lok u monghajr pregudizzju s-socjeta' attrici m'hijiex debitrici tal-atturi.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet in kwantu jirrigwarda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u n-nullita' tal-Avviz sollevati mis-socjeta' konvenuta in kwantu jirrigwarda t-talbiet attrici.

Ra l-verbal tas-seduta tad-29 ta' Jannar 2004 fejn il-kawza giet differtita ghas-sentenza in kwantu jirrigwarda l-eccezzjonijiet ta' nullita' u ta' preskrizzjoni sollevati mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidra:

Permezz ta' din is-sentenza it-Tribunal ser jiddeciedi dwar zewg eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta, u cioe' (i) l-eccezzjoni tan-nullita' tal-~Avviz u (ii) l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Mallta.

**<u>L-Eccezzjoni ta' Nullita'</u>**

Is-socjeta' konvenuta eccepiet li l-Avviz tat-Talba huwa null peress li ma hemmx tifsira cara tar-relazzjoni guridika u tal-pretensjonijiet taz-zewg atturi. Din l-eccezzjoni giet sollevata mis-socjeta' konvenuta wara li giet ordnata korrezzjoni fl-okkju fis-sens illi wara isem l-attur John Pullicino gie mizjud ukoll l-isem tas-socjeta' Golden Harvest MFG Limited. Is-socjeta' konvenuta tirritjeni li mill-provi rizulta li l-attur John Pullicino kien qed jagixxi ta' 'commission agent' ghan-nom tas-socjeta' attrci Golden

Harvest MFG Company Limited u ghalhekk fl-Avviz tat-Talba kellu jkkun hemm indikazzjoni cara tar-relazzjoni guridika bejn l-attur u s-socjeta' attrci u ta' dawn it-tnejn fil-konfronti tas-socjeta' konvenuta.

L-artikolu 789 (1) tal-Kap. 12 jistabbilixxi li l-eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju tista' tinghata fis-egwenti cirkostanzi:-
"(a) jekk in-nullita' hija dikjarata mill-ligi espressament;
(b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti;
(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mill-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullita', kemm iil-darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullita', pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat;
(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mill-ligi". Il-proviso taht dan l-Artikolu appena citat inoltre jipprovdi li l-eccezzjoni ta' nulltia' kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) tas-subartikolu appena citat ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkun jista' jissewwa taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi.

It-Tribunal jidhirlu li fil-kaz odjern in-nullita' eccepita mis-socjeta' konvenuta m'hijiex wahda li hija dikjarata espressament mill-ligi. Inoltre ma jistghax jinghad li l-att in kwistjoni inhareg minn qorti mhux kompetenti. In kwantu jirrigwarda l-paragrafi (c) u (d) tal-Artikolu 789(1) jinghad li l-Artikolu 9(3) tal-Kap. 380 jipprovdi specifikatament li "ebda procediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minhabba fin-nuqqas ta' tharis ta' xi formalità' sakemm wiehed ikun mexa' b'mod konformi kemm jista' jkun ma' dan l-Att jew mar-regoli maghmula tahtu." Inoltre l-Artikolu 175(1) tal-Kap. 12 jghid li l-qorti tista' f'kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza wara talba ta' wahda mill-partijiet u wara li tisma' jekk mehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' att jew tippermetti t-tibdil fl-iskritturi billi fost affarijiet ohra jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet jew jitqieghed iehor floku. Il-korrezzjoni awtorizzata minn dan it-Tribunal fid-29 ta' Jannar 2004 fil-fatt saret a tenur tal-Artikolu appena citat. Dejjem a tenur tal-Artkoli tal-ligi appena citati t-Tribunal jidhirlu wkoll li l-

fatt li s-socjeta' attrici u l-istess attur naqsu milli jindikaw b'mod specifiku ir-relazzjoni guridika ezistenti bejniethom, u cioe' li l-attur kien qed jagixxi ta' 'commission agent' ghas-socjeta' attrici, u r-relazzjoni guridika viis a vis s-socjeta' konvenuta, ma tistghax titqies li hija xi formalita' li tikkomporta n-nullita' tal-Avviz tat-Talba.

## L-Eccezzjoni ta' Preskrizzjoni

Is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi l-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 liema Artikolu jirrigwarda azzjoniijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut. L-atturi min-naha l-ohra jirritjenu li ghandha tapplika l-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 stante li l-azzjoni attrici tirrigwarda bejgh li sar bl-ingrossa u mhux bl-imnut. Il-Qrati Taghna trattaw din il-kwistjoni tad-distinzjoni bejn bejgh bl-ingrossa u bejgh bl-imnut f'diversi okkazzjonijiet u t-Tribunal jaghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) tas-7 ta' Novembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet 'Dr. Peter Fenech nomine vs Medina Food Manufacturing Company Limited' fejn insibu elaborazzjoni dettaljata tal-insenjament tal-Qrati Taghna in kwantu jirrigwarda id-distinzjoni bejn il-bejgh bl-ingrossa u l-bejgh bl-imnut u fejn il-Qorti stabbiliet li wiehed ghandu jhares lejn in-natura tan-negozju bejn il-partijiet sabiex jistabbilixxi jekk il-bejgh sarx bl-ingrossa jew bl-imnut. Fil-kaz odjern it-Tribunal jidhirlu li n-negozju bejn il-partijiet ma kienx wiehed semplici ta' kompravendita' kif ikun fil-kaz ta' bejgh bl-imnut. Dan jinghad kemm minhabba l-fatt li n-negozju kien kontinwu fis-sens li kien ikopri perijodu sostnazjali u anki minhabba l-fatt li parti mill-merkanzija mixtrija mis-socjeta' konvenuta kienet ser terga' tinbiegh minnha lir-residenti tal-lukanda li hija kienet tiggestixxi. Il-fatti kif irrizultaw fil-kaz odjern huma aktar sinonimi mal-figura guridika tal-bejgh bl-ingrossa kif delinejata tul is-snin mill-Qrati Maltin.

Fil-fehma tat-Tribunal il-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni attrici hija dik stabbilita taht l-Artikolu 2156(f) tal-

Kap. 16 u mhux dik ecceppita mis-socjeta' konvenuta taht l-Artikolu 2148(b).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jichad l-eccezzjonijiet ta' nullita' u ta' preskrizzjoni sollevati mis-socjeta' konvenuta u jordna l-prosegwiment tal-kawza ghas-smiegh dwar il-m

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------